---

13 ta' Jannar, 1948.

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Maria Gauci et. versus Alessandro Gauci

**Alimenti — Operazzjoni Kirurġika.**

*Fost l-alimenti huma kompriżi l-ispejjeż aċċidentali neċessarji għall-ħajja, fosthom l-ispejjeż għal kura medika u għall-mediċinali, u anki għal operazzjoni kirurġika*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi l-attriċi Maria Gauci kienet fil-bżonn li toqgħod għal operazzjoni kirurġika, u kellha bżonn tonfoq is-somma ta' £60. 12. 2 għall-ispejjeż ta' dik l-operazzjoni u tal-kura relativa; u li hija u l-attur żewġha ma kellhomx mezzi biex iħallsu dik is-somma u kellhom jissellfuha; u li l-konvenut, missier l-attur, għandu mezzi biex iħallas dawk l-ispejjeż; talbu illi l-istess konvenut jiġi kundannat jissomministra lilhom l-imsemmija somma ta' £60. 12. 2, biex biha huma jiddimettu lill-persuna li għamlilhom l-imsemmi self, anki b'titolu ta' self jew b'kull titolu ieħor, u bil-modalitajiet kollha li l-Qorti tordna. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mill-provi rriżulta illi l-attriċi rrikjediet u ssubiet operazzjoni kirurġika, u l-ispejjeż ta' dik l-operazzjoni ammontaw għas-somma ta' £60. 12. 2. L-atturi ma kellhomx mezzi biex iħallsu dak l-ammont, u l-attur Vincenzo Gauci rrikorra għal mutwu ta' £60 li ġew lilu forniti minn Oscar Vassallo, bil-kondizzjoni li jiġu lil dana mogħtijin lura malli l-attur ikun akkwistahom minn għand il-konvenut missieru;

Illi, kif ġie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re fil-kawża "Demarco vs. Demarco" (Kollez. XXVIII. I-474), fost l-aliment huma kompriżi l-ispejjeż aċċidentali neċessarji għall-ħajja; u għalhekk fost spejjeż oħra, huma kompriżi anki l-ispejjeż għal kura medika, u għal mediċinali u għal operazzjoni kirurġika;

Illi mill-provi rriżulta li l-konvenut jistu' mingħajr tbatija kbira jfornixxi, b'titolu ta' mutwu lill-atturi, is-60 li dawn isselfu minn għand l-imsemmi Vassallo, bil-modalitajiet li sejrin jiġu ordnati;

Għaldaqstant;

Tiddeċidi għat-tenur tat-talba ta' l-atturi, fis-sens li tikkundanna lill-konvenut jissomministra lill-attur b'titolu ta' self, bl-imgħax tat-tlieta fil-mija, f'xahar żmien mill-lum, issomma ta' £60; purkè l-istess atturi, fl-istess att tal-versament, jobbligaw ruħhom solidalment li jagħtu lura lill-konvenut l-imsemmija somma ta' £60 b'rati ta' lira (£1) fix-xahar, minn sena wara li jsir il-versament, taħt l-ipoteka ġenerali ta' ħwejjiġhom preżenti u futuri, u bil-patt tad-dekadenza millbeneficċju taż-żmien f'każ ta' nuqqas ta' ħlas fl-iskadenza ta' tliet rati;

L-ispejjeż tal-ġudizzju u ta' l-att okkorrenti jitħallsu nofs mill-atturi u nofs mill-konvenut.

---